**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 17 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 14**
**Citaz. Nru. 76/97 FDP**

**Alfen Trading Co. Limited**
**Vs**
**Archidiacono Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-13 ta' Jannar 1997 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef mija u tnejn u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm4132.56) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' lostru lilha mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici;

Illi s-socjeta` konvenuta interpellata ghall-hlas bilancjali baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artiklu 167-171 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont bilancjali kumplessiv ta' Lm4132.56 flimkien ma' l-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-bejgh skond skrittura privata dokument RA2 sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1996 kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-PL Victor Bugeja ghan-nom tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-affidavit tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tas-6 ta' Frar 1997, li l-Qorti kienet awtorizzatha tipprezenta fl-Udjenza tal-31 ta' Jannar 1997 wara li semghet lid-difensur taghha, fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba ghall-hlas ta' l-ammont mitlub hija preskritta a tenur ta' l-artiklu 2148(b) tal-Kodici Civili;

2. Illi l-ammont pretiz mhux dovut lis-socjeta` attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Boris Arcidiacono ghas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-affidavit esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;
Semghet id-difensur tas-socjeta` konvenuta jittratta dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkonsidrat:-

Illi din is-sentenza hija limitata ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet giet eccepita l-preskrizzjoni kontemplata taht artiklu 2148(b) tal-Kodici Civili, filwaqt li fl-Udjenza tat-18 ta' Marzu 2001 is-socjeta` konvenuta, fid-dawl tax-xhieda ta' Boris Arcidiacono eccepiet ukoll il-preskrizzjoni a tenur ta' artiklu 2156(f). Il-Qorti ghalhekk ser tikkonsidra z-zewg artikli;

Artiklu 2148(b) jistipula illi:

> *"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar ...*

> *(b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut; ..."*

Illi l-kaz in kwistjoni jirrigwarda konsenji ta' lostru maghmula lis-socjeta` konvenuta, kif jidher mill-fatturi esebiti a fol. 6 sa 24 tal-process. Ghall-fini ta' l-applikabbilita` ta' l-artiklu fuq citat irid jigi stabbilit jekk il-lostru in kwistjoni inbieghx bl-imnut jew bl-ingrossa. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza Dr. Thomas Abela noe vs Saviour Camilleri (8/5/98) fejn il-Qorti kienet spjegat illi:

> "Il-Qrati taghna stabbilew illi l-kriterju distintiv fondamentali tal-bejgh bl-ingrossa u ta' dak bl-imnut fil-fatt jirrisjedi fil-kwantitativ mibjugh - kriterju li huwa essenzjalment relattiv u fir-rigward ta' artiklu 2148(b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u thares biss lejn il-bejgh fih innifsu li hi tirrikjedi li jkun bl-imnut. Inoltre, gie deciz ukoll illi n-natura ta' bejgh bl-ingrossa ma tikkonvertix ruhha f'bejgh bl-imnut minhabba li l-konsenja ta' l-oggetti ma ssirx f'daqqa, imma huwa n-negozju globali li jiddetermina taht liema kategorija ghandu jigi klassifikat il-bejgh."

Illi fil-kaz odjern saru diversi konsenji ta' lostru u dan jindika li l-bejgh kien bl-ingrossa u mhux bl-imnut. Ghalhekk ma jidhirx li artiklu 2148(b) huwa applikabbli ghall-kaz odjern.

Il-Qorti taghmel riferenza ghal artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili li jistipula:-

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: ...*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Illi jidher li l-kaz in kwistjoni jinkwadra taht dan l-artiklu. Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina jekk l-azzjoni hix effettivament preskritta;

Illi l-fatturi esebiti juru li l-konsenji kollha saru fl-1990/1991. L-ahhar wahda tidher li saret fis-17 ta' Jannar 1991. Qabel ma giet intavolata din il-kawza, is-socjeta` konvenuta giet interpellata biex tghaddi ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 1996 (fol. 25). Skond il-kopja tar-riferta (fol. 26) is-socjeta` konvenuta giet notifikata bl-ittra ufficjali fit-30 ta' Settembru 1996. Illi s-socjeta` attrici ma ressqet ebda prova ohra biex tittanta tipprova li l-perjodu tal-preskrizzjoni gie interrott. Ghalhekk ghaddew aktar minn hames snin minn meta saret l-ahhar konsenja sad-data ta' l-interpellazzjoni permezz ta' l-ittra ufficjali imsemmija;

Ghalhekk jidher li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' artiklu 2156(f).

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tichad it-talba attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur